

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/915

tal-25 ta' Ġunju 2018

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 ⁽¹⁾ jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Speċijiet ta' Annimali Selvaġġi Migratorji, inżdied il-kelb il-baħar balienu (*Rhincodon typus*) fl-Appendiċi I ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk jenħtieġ li dik l-ispeċi tiġi inkluża fil-listi ta' speċijiet ipprojbiti.
- (3) Billi l-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) jindika li l-megrims fis-subżona 7 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES huma l-istess stokkijiet bijoloġiċi, u għalhekk jixraq li tiġi prevista flessibbiltà bejn iż-żoni ta' 25 % mis-subżona 7 tal-ICES sad-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES għall-Istati Membri li għandhom kwota għal daww l-ispeċijiet fiż-żewġ żoni.
- (4) Fis-26 ta' Marzu 2018, l-ICES ħareġ parir dwar qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant (Skagerrak, Kattegat, u t-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Norwegian Deep). Abbażi ta' dak il-parir, u wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jixraq li s-sehem tal-Unjoni tal-gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak jiġi ffixsat għal 3 327 tunnellata.
- (5) Skont il-parir tal-ICES tat-12 ta' April 2018, jenħtieġ li l-qabdiet tal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar tat-Tramuntana ma jkunux aktar minn 177 545 tunnellata għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla jiġu stabbiliti skont dan.
- (6) Fil-11 ta' April 2018, l-ICES ħareġ parir rivedut għall-merluzz tan-Norveġja għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2017 sal-31 ta' Ottubru 2018. Għalhekk jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla jiġu stabbiliti skont dan.
- (7) L-ICES ta parir li jekk ma jkunx jista' jsir stħarriġ televiżiv ta' taħt wiċċ l-ilma, jista' jiġi stabbilit sajd sentinell sabiex tinġabar id-data dwar il-qabda għal kull unità ta' sforz għall-iskampu fl-unità funzjonali 25 fis-subżona 8c tal-ICES. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati sabiex jipprevedu dak is-sajd sentinell.
- (8) Fis-sitt laqgħa annwali tagħha fl-2018, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) stabbiliet qabda totali permissibbli (TAC) għas-sawrell. Dik il-miżura jenħtieġ li tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠUL 27, 31.1.2018, p. 1).

- (9) Waqt il-Laqqha Annwali tal-2017 tagħha, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat ir-Rakkomandazzjoni 17-07, li timmodifika r-Rakkomandazzjoni 14-04 dwar l-irkupru tat-tonna. Filwaqt li tinnota li ż-żidiet annwali ta' 20 % tat-TAC matul tliet snin jikkorrispondu għal żieda moderata u gradwali tal-livell tal-qabdiet għall-aktar stima prekawzjonarja tal-MSY tas-SCRS, ir-Rakkomandazzjoni 17-07 tistabbilixxi TACS għal-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran allokat lill-Partijiet Kontraenti, Partijiet Mhux Kontraenti f'Kooperazzjoni, Entitajiet jew Entitajiet tas-Sajd għall-2018, 2019, u 2020.
- (10) L-Unjoni, b'ittra indirizzata lis-Segretarjat tal-ICCAT fil-15 ta' Frar 2018, ippreżentat il-pjan ta' sajd, kapaċità u spezzjoni tal-Unjoni. Il-pjan tal-Unjoni ġie approvat mill-ICCAT fil-laqqha tal-Bord 2 (Madrid 5-7 ta' Marzu 2018) u l-approvazzjoni tal-ICCAT ġiet ikkomunikata mis-Segretarjat tal-ICAT fit-3 ta' April 2018. Għaldaqstant, għal finijiet ta' koerenza, huwa xieraq li jiġu mmodifikati ċ-ċifri fl-Anness IV.4 tabella A tar-Regolament (UE) 2018/120.
- (11) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2018/120 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-oportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/120 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/120

Ir-Regolament (UE) 2018/120 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 13(1), jiżdied il-punt li ġej:
- “(x) kelb il-baħar baliena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet kollha.”;
- (2) fl-Artikolu 45(1), jiżdied il-punt li ġej:
- “(r) kelb il-baħar baliena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni.”;
- (3) l-Annessi IA, IJ u IV huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018, għajr il-paragrafi (1) u (2) tal-Artikolu 1, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

N. DIMOV

ANNEX

1. L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2018/120 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-megrimis f'7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċijiet: Megrimis <i>Lepidorhombus</i> spp.		Żona: 7 (LEZ/07.)
Il-Belġju	3 33 ⁽¹⁾	
Spanja	3 693 ⁽²⁾	
Franza	4 481 ⁽²⁾	
L-Irlanda	2 038 ⁽¹⁾	
Ir-Renju Unit	1 765 ⁽¹⁾	
L-Unjoni	12 310	
TAC	12 310	

TAC analitika
Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament
Japplika l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament

⁽¹⁾ 5 % minn din il-kwota tista' tintuża f'8a, 8b, 8d u 8e (LEZ/*8ABDE) għall-qabdiet aċċessorji tas-sajd dirett għal-lingwata.

⁽²⁾ 25 % minn din il-kwota tista' tinqabad f'8a, 8b, 8d u 8e (LEZ/*8ABDE)."

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fi 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċijiet: Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>		Żona: 3a (PRA/03 A.)
Id-Danimarka	2 162	
L-Iżvezja	1 165	
L-Unjoni	3 327	
TAC	6 230	

TAC ta' prekawzjoni
L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tat-trasferimenti mill-2019 għall-2018"

- (c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla u għall-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a u 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċijiet:		Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a u 4 (SPR/2AC4-C)
Il-Belġju	1 911	(¹) (²)		
Id-Danimarka	151 264	(¹) (²)		
Il-Ġermanja	1 911	(¹) (²)		
Franza	1 911	(¹) (²)		
In-Netherlands	1 911	(¹) (²)		
L-Iżvezja	1 330	(¹) (²) (³)		
Ir-Renju Unit	6 307	(¹) (²)		
L-Unjoni	166 545	(¹)		
In-Norveġja	10 000	(¹)		
Il-Gżejjer Faroe	1 000	(¹) (⁴)		
TAC	177 545	(¹)		TAC analitika

(¹) Din il-kwota tal-Unjoni tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019.

(²) Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-merlangu (OTH/*2AC4C). Il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu magħduda mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, ma għandhomx jaqbu d-9 % tal-kwota.

(³) Inkluż iċ-ċiċċirell.

(⁴) Jista' jkun fihom sa 4 % ta' qabdiet aċċessorji ta' aringi."

- (d) fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 7 g, 7h, 7j u 7k, titħassar ir-referenza "Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament";
- (e) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati fi 3a u fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a u 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċijiet:		Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Trisopterus esmarkii</i>	Żona:	3a; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a u 4 (NOP/2A3A4.)
Id-Danimarka	85 186	(¹)		
Il-Ġermanja	16	(¹) (²)		
In-Netherlands	63	(¹) (²)		
L-Unjoni	85 265	(¹) (³)		
In-Norveġja	15 000	(⁴)		
Il-Gżejjer Faroe	6 000	(⁵)		
TAC	mhux rilevanti			TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika

(¹) Sa 5 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu (OT2/*2A3A4). Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu għandhom jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, ma għandhomx jaqbu d-9 % tal-kwota.

(²) Il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 tal-ICES.

(³) Il-kwota tal-Unjoni tista' tinqabad biss mill-1 ta' Novembru 2017 sal-31 ta' Ottubru 2018.

(⁴) Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni.

(⁵) Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni. Li tinkludi massimu ta' 15 % tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli (NOP/*2A3A4), li għandhom jingħaddu ma' din il-kwota."

(f) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-iskampu f'8c hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċijiet:	Skampu <i>Nephrops norvegicus</i>	Żona:	8c (NEP/08C.)
Spanja	2 ⁽¹⁾		
Franza	0		
L-Unjoni	2 ⁽¹⁾		
TAC	2 ⁽¹⁾		TAC ta' prekawzjoni

⁽¹⁾ Esklużivament għall-qabdiet meħuda bħala parti minn sajd sentinell biex tinġabar id-data dwar il-qabda għal kull unità ta' sforz (CPUE) fl-unità funzjonali 25 matul ħames vjaġġi kull xahar f'Awissu u Settembru b'bastimenti li jgħorru abbord lill-osservaturi."

2. Fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/120, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċijiet:	Sawrell <i>Trachurus murphyi</i>	Żona:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Il-Ġermanja	8 849,28		
In-Netherlands	9 591,70		
Il-Litwanja	6 157,56		
Il-Polonja	10 587,46		
L-Unjoni	35 186		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika".

3. Fl-Anness IV, Taqsima 4, it-Tabella A hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għadd ta' bastimenti tas-sajd ⁽¹⁾							
	Ċipru ⁽²⁾	Greċja ⁽³⁾	Kroazja	Italja	Franza	Spanja	Malta ⁽⁴⁾
Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża	1	1	16	15	20	6	1
Bastimenti li jistadu bil-konz	20 ⁽⁵⁾	0	0	35	8	54	54
Dgħajsa tas-sajd bil-lixka	0	0	0	0	37	60	0
Dgħajsa tas-sajd bix-xolfa	0	0	12	0	33 ⁽⁶⁾	2	0
Bastiment tat-tkarkir	0	0	0	0	57	0	0
Sajd artiġġjanali ieħor ⁽⁷⁾	0	52	0	0	118	545	0

⁽¹⁾ In-numri f'din it-tabella jistgħu jiżiedu iżjed, dment li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

⁽²⁾ Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi ssostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew b'bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża żgħir wieħed flimkien ma' mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konz.

⁽³⁾ Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi ssostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew b'bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża wieħed żgħir u tliet bastimenti oħra tas-sajd artiġġjanali.

⁽⁴⁾ Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi ssostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.

⁽⁵⁾ Bastimenti polivalenti, li jużaw tagħmir b'iktar minn irkaptu wieħed.

⁽⁶⁾ Bastimenti tas-sajd bix-xlif li joperaw fl-Atlantiku

⁽⁷⁾ Bastimenti polivalenti, li jużaw tagħmir b'iżjed minn irkaptu wieħed (konz, xliet, xliet bir-rixa)."